# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 28 t'Ottubru, 2021**

Appell numru 564 tal-2021

**Il-Pulizija**
**vs**
**Dante BUHAGIAR**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-3 ta' Settembru, 2021 fil-konfront ta' Dante BUHAGIAR, karta tal-identità bin-numru 191303(L) li ġie mixli:

   Nhar l-1 ta Settembru 2021 bejn il- 17.00 Hrs ta' wara nofsinhar u s-19.00 Hrs ta' wara nofsinhar minn gewwa 1-fond bin-numru 150, Triq il-Punent, Valletta u f'dawn il-gżejjer:

   (1) Ikkometta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Giorgia Buhagiar anzjana ta' sebgha u sebghin sena u/jew persuna/i u/jew ta' xi entita u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur li ma jaccedix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebghau tletin centezmu (€2,329.37) u bil lok;

   (2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u irkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-haja ta' haddiehor fperiklu car ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Giorgia Buhagiar anzjana ta' sebgha u sebghin sena liema hsara hija ta' natura hafifa hekk kif iccertifikata minn Dr.Kenneth Falzon detentur tal-karta tal-identita bin-numru 420594M tal-Berga tas-Sahha tal-Floriana;

(3) Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta mghotija fil-konfront tieghu bis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (Malta), preseduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli LL.D, datata d-9 ta' Settembru 2020, liema sentenza saret definitive u ma tistghax tinbidel;

4) Fl-istess dati, hinijiet, lok u irkostanzi kiser il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta mghotija fil-konfront tieghu bis-sentenza tal-Qorti tal-Gudikatura tal-Magistrati bhala Qorti Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Dr. Rachel Montebello LL.D, datata d-29 t April 2021, liem sentenza saret definitiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaļ ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat, u wara li qieset l-ammissjoni mtennija tal-imputat appellat, sabet lill-appellat ħati u wara li rat l-artikoli 221(1), 261(a)(c)(e), 262(1)(a), 267, 269(g), 274(c), 276A, 277(a), 279(a), 280(2), 281(a) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta ikkundannatu għal piena komplessiva ta' tliet xhur priġunerija u dan wara li, meta kienet qegħda tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha, sabitu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu;

3. Illi l-Avukat Ġenerali appellat minn din is-sentenza f'liema appell talbet lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-appellat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu, mill-banda l-oħra tħassarha fil-parti tal-piena sabiex minflok timponi l-piena idoneja u ġusta skont il-Liġi u dan wara li saħqet li l-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kienetx dik ravviżata fil-Liġi, fis-sens li dik il-Qorti volutament imponiet piena li kienet taħt il-minimu preskritt mill-Liġi filwaqt li r-raġuni miġjuba minn dik il-Qorti, ossija l-fatt li r-raġuni speċjali u straordinarja invokata minn dik il-Qorti - konsistenti mill-fatt li l-appellat kien għad għandu biss tmintax il-sena – mhix skont il-Liġi u l-ġurisprudenza raġuni speċjali u straordinara li minħabba fiha Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tista' timponi piena taħt il-minimum;

4. Rat l-atti tal-proċeduri u semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

5. Illi l-Avukat Ġenerali għandha raġun. Iżda l-problemi f'din is-sentenza jmorru ferm oltre minn dak reklamat mill-Avukat Ġenerali.

6. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi li :

   Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, **għandha** tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.

7. Hemm diversi aspetti ta' din is-sentenza li ma jirrispettawx il-vot ta' dan l-artikolu. Qabel xejn, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) sabet lill-appellat ħati tat-tieni imputazzjoni, iġifieri dik ta' offiża ta' natura ħafifa. Hija ċċitat, korrettement l-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali li jispjega meta offiża tista' titqies bħala offiża ta' natura ħafifa, nonche li jippreskrivi l-piena relattiva. Iżda dan mhux l-artikolu li **jikkontempla r-reat**. L-artikolu tal-Kodiċi Kriminali li jikkontempla r-reat t'offiża fuq il-persuna huwa l-artikolu 214 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-artikolu, meħtieġ sine qua non, tħalla barra mid-deċide tas-sentenza.

8. In-nuqqas t'osservanza tiegħu, jiġifieri n-nuqqas tal-Qorti li ssemmi dan l-artikolu tal-Kodiċi Kriminali jew ta' kull liġi oħra li jikkontempla r-reat, kien jammonta għal nuqqas ta' formalita sostanzjali u li jġib in-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

9. Problema oħra ta' formalita sostanzjali li tolqot lil din is-sentenza hija dik il-parti li titratta l-piena inflitta. Dan qed jingħad mhux minħabba l-fatt li l-Qorti imponiet piena taħt il-minimum meta la ċċitat l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali jew li r-raġuni miġjuba minnha ma kienetx waħda li skont il-ġurisprudenza tikkwalifikat bħala raġuni speċjali u straordinarja fis-sensi ta' dak l-artikolu; iżda qiegħed jingħad minħabba li

   (a) meta hija sabitu ħati tal-ewwel żewġt imputazzjonijiet dik il-Qorti erogat piena komplessiva ta' tliet xhur priġunerija iżda ma jirriżultax li dik il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali; kif ukoll

   (b) minħabba l-fatt li dik il-Qorti għażlet li titratta mal-ħati fis-sensi tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta minħabba li huwa ġie misjub ħati minnha li wettaq dawk ir-reati matul il-perjodu ta' żewġ ordnijiet ta' probation separati u

għamlet dan billi, suppożitament taħt l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta iżda ordnat li t-termini ta' dawk l-ordnijiet tal-probation jerġgħu jibdew jiddekorru mid-data ta' dik is-sentenza u estendiethom għal perjodu ta' tliet snin. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-miżura mhix preskritta u permessa taħt dak l-artikolu. Dan iwassal biex parti mill-"piena" imposta mill-Qorti tal-Maġistrati titqies li hija ineżistenti, b'mod għalhekk tiġi daqslikieku dik il-Qorti ma imponietx piena. Dan ukoll iwassal għall-konsegwenza ta' ksur tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, bil-konsegwenzi li jikkonsegwu.

10. Imbagħad hemm punti oħra li dik il-Qorti setgħet kienet aktar attenta għalihom, iżda li ma humiex ta' tali gravita li tassattivament iwaslu għan-nullita tassattiva tas-sentenza de quo. Biss meta jitqiesu flimkien mad-difetti imsemmija aktar il-fuq, ikomplu jsaħħu l-konvinzjoni ta' din il-Qorti li s-sentenza de quo għandha tiġi dikjarata nulla.

11. Qabel xejn hemm il-kwistjoni tad-dikjarazzjoni tal-ħtija tal-appellat li ġiet magħmula fil-konsiderandi tas-sentenza. L-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali jeżiġi li l-Qorti tal-Maġistrati tgħid il-fatti li tagħhom l-imputat jiġi misjub ħati, iżda ma jgħidx li dan għandu jsir tassattivament fid-dispożittiv tas-sentenza. Pero jagħmel aktar sens ġuridiku li waħda mill-aktar espressjonijiet importanti li tista' tasal għalihom il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – ossija d-dikjarazzjoni jekk imputat ikunx ħati jew mhux ħati - issir fil-parti dispożittiva tas-sentenza, aktar milli fil-parti fejn dik il-Qorti tkun qegħda titratta l-motivazzjonijiet li jwasluha għall-konklużjonijiet eventwali tagħha.

12. Punt ieħor li huwa wkoll ta' min josserva f'dan il-każ huwa li fil-motivazzjonijiet tas-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), korrettement, osservat li l-vitma ta' dan ir-reat kienet persuna ta' sebgħa u sebgħin sena, b'diżabilita, li hija wkoll axxendent tal-ħati u li l-istess Qorti osservat li din kienet it-tielet darba li ġiet misruqa mill-istess ħati. Dawn huma ċirkostanzi li dik il-Qorti jidher li ħadet in konsiderazzjoni meta ġiet biex tqis liema kienu l-artikoli tal-Liġi applikabbli u li kienu mhux biss joħolqu r-reat ta' serq iżda wkoll li kienu jikkwalifikaw ir-reat nonche jżidu l-piena imponibbli. Iżda għal xi raġuni, minkejja li l-vitma ta' dan ir-reat kienet persuna anzjana ta' 77 sena, dik il-Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-awment tassattiv fil-piena previst taħt l-artikolu 257D tal-Kodiċi Kriminali, fatt li jkompli jsaħħaħ l-argument tal-Avukat Ġenerali li f'dan il-każ, il-

piena imponibbli kienet ħafna għola minn dik li imponiet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'kuntest fejn, kif spjegat, ma setgħetx tagħmel dan.

13. Illum huwa "ius receptum" li tali nuqqas t'adeżjoni mar-rekwiżiti tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali huwa meqjus bħala nuqqas ta' formalita sostanzjali li jimporta n-nullita tas-sentenza appellata, li saħansitra jista' anke jitqajjem ex officio.

# Deċide

Għall-dawn il-motivi, din il-Qorti qegħda tannulla s-sentenza appellata, u wara li qieset in-natura tal-każ, mhux l-anqas is-sentenza li ġiet inflitta, biex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellat mill-benefiċċju tad-"doppio esame", qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid skond il-liġi.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**